

Brussell, 19 ta' Jannar 2021
(OR. en)

5363/21

AGRI 13
DELECT 4

NOTA PUNT "A"

minn:	Kumitat Speċjali dwar l-Agrikultura
lil:	Kunsill
Nru. dok. preċ.:	13692/20
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2020/427 fir-rigward tad-data tal-applikazzjoni tal-emendi ta' ċerti regoli ta' produzzjoni dettaljati għall-prodotti organiċi fl-Anness II għar-Regolament (UE) 2018/848 <i>- Att delegat - Intenzjoni li ma jitqajmux oġġezzjonijiet</i>

1. Il-Kummissjoni ppreżentat l-att delegat imsemmi hawn fuq lill-Kunsill f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 290 TFUE u l-Artikoli 54, 12(2)(e), 14(2)(c) u 15(2)(a) u (d) tar-Regolament (UE) Nru 2018/848¹. Peress li l-Kummissjoni nnotifikat l-att delegat fl-4 ta' Diċembru 2020, il-Kunsill jista' joġġezzjona għalih sal-5 ta' Frar 2021.
2. Fit-18 ta' Jannar 2020, il-Kumitat Speċjali dwar l-Agrikultura (KSA) ikkonferma l-eżitu tal-konsultazzjoni ta' silenzju mnedija fl-4 ta' Diċembru li permezz tagħha d-delegazzjonijiet qiesu li ma kien hemm l-ebda raġuni biex il-Kunsill joġġezzjona għall-att delegat. Il-KSA qabel ukoll li jgħarraf lill-Parlament u lill-Kummissjoni, qabel ma jagħlaq il-perijodu għall-oġġezzjonijiet.

¹ Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 (ĠU L 150, 14.6.2018, p. 1.)

3. Għalhekk il-KSA jissuġġerixxi li l-Kunsill, bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss, jikkonferma li ma għandu l-ebda intenzjoni li joġġezzjona għall-att delegat u li l-Kummissjoni u l-Parlament Ewropew jiġu infurmati b'dan. Dan jimplika li, dment li l-Parlament Ewropew ma joġġezzjonax għalih, l-att delegat għandu jiġi ppublikat u jidħol fis-seħħ f'konformità mal-Artikolu 54(6) tar-Regolament (UE) 2018/848.
-